MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2001

Avviz Numru. 943/2000/1

**Avviz Nru:- 943/00**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Daniela Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha u tletin liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm534.99c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-21 ta' Marzu 1998 sal-10 ta' Ottubru 1999.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata la dehret biex tikkontesta t-talba attrici, lanqas ma dehret fis-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija erbgha u tletin lira maltin u disgha u disghin centezmi (Lm534.99c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------